MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 2319/1999/1

**Cit. Nru. 2319/1999LM**

**Id-Direttur tal-Kuntratti u l-Kap tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

**vs**

**'Plant & Equipment Limited' bħala mandatarja tas-soċjetà Taljana 'Moro Compact System S.r.l' ta' CP 217/33170, Pordenone, Italja**

Permezz ta’ ċitazzjoni preżentata fit-22 ta’ Ottubru 1999, l-atturi ippremettew u talbu:

*Illi b’ittra ta’ aċċettazzjoni tat-tender numru LA34/96 tal-15 ta’ Jannar, 1996, kopja hemm annessa u mmarkata Dok ‘A’, id-Direttur tal-Kuntratti aċċetta l-offerta tas-soċjetà konvenuta “Moro Compact System S.r.L” magħmula tramite l-aġenti tagħha hawn Malta, is-soċjetà Maltija Plant & Equipment Limited sabiex tixtri street washing bowser bil-prezz tal-Lit 115,861,000 Cif Malta u hydraulic control of the front mounted washing bar għall-prezz ta’ Lit 1,008,700 u top mounted suction boom għall-prezz ta’ Lit 2,768,000.*

*Illi skont l-offerta, kopja hemm annessa u mmarkata Dok ‘B’, l-imsemmija oġġetti kienu garantiti għall-perijodu ta’ tnax-il xahar mid-data tal-kummissjoni, liema kummissjoni saret fit-2 ta’ Ġunju, 1996.*

*Illi l-oġġetti kollha tħallsu kwantu għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mal-preżentata tad-dokumenti tal-ispedizzjoni u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fi żmien ħamsa u erbgħin (45) ġurnata mid-data tal-polza ta’ karigu.*

*Illi skont klawżola numru tlettax (13) tal-‘ispecifications’ li jiffurmaw parti mit-tender, kopja hemm annessa u mmarkata Dok ‘C’, it-tank tal-bowser inkwistjoni kellu jkun magħmul minn ‘rust-proof material’.*

*Illi skont l-offerta mressqa mis-socjetà konvenuta, it-tank tal-bowser inkwistjoni kien ser ikun stainless steel (Dok ‘B’).*

*Illi għal ħabta ta’ Ottubru, 1996, u ċjoè wara li sar il-bejgħ iżda qabel ma għadda l-perijodu tal-garanzija, it-tank inkwistjoni beda joqtor u deher fih ħafna sadid fil-partijiet fejn hemm il-welding.*

*Illi s-soċjetà konvenuta Taljana ‘Moro Compact S.r.L’ kif ukoll is-soċjetà konvenuta Maltija ‘Plant & Equipment Limited’ ġew mgħarrfa b’dan id-difett u nterpellati sabiex jirrimedjaw għal dan id-difett.*

*Illi għal interpellazzjonijiet tal-atturi, s-soċjetà konvenuta rrispondiet li s-sadid seta’ kien frott ta’ ilma mielaħ jew aċiduż, ħaġa li l-esponenti qatt ma użaw fil-bowser u li jinnegaw li setgħet ġrat.*

*Illi l-allegazzjonijiert tal-konvenuti rriżultaw nfondati meta ftit taż-żmien wara l-ewwel inċident, beda joqtor ukoll it-tank tad-diesel tal-istess vettura, meta d-diesel ċertament mhuwiex korruživ iżda minnu nnifsu jipproteġi kontra s-sadid.*

*Illi ż-żewġ soċjetajiet aġixxew jew doložament jew b’negliġenza grossolana fil-konfront tal-attur b’mod illi huma jew biegħu l-apparat inkwistjoni lill-attur meta kienu jafu li huwa ma kienx tal-kwalità rikjesta u pattwita jew biegħu l-istess apparat*

*b'indifferenza u mingħajr id-debita konstatazzjoni dwar jekk dan kienx tal-kwalità pattwita jew le.*

*Illi l-aġir taż-żewġ soċjetajiet konvenuti ikkaġuna danni inġenti lill-atturi konsistenti fl-ammont imħallas ghall-bowser inkwistjoni u għall-aċċessorji fuq imsemmija b'telf ta' użu u f'kiri ta' bowser alternattiv sabiex jagħmel dak ix-xogħol li l-apparat mixtri kien intiż li jagħmel.*

*Jgħidu għalhekk is-soċjetajiet konvenuti għaliex, din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex: -*

1. *Tiddikjara li l-kuntratt ta' bejgħ bejn l-atturi u s-soċjetajiet konvenuti jiġi rexxiss u annullat u dana għar-raġunijiet fuq imsemmija;*

2. *Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jirrifondu l-prezzijiet imħallsa għall-istess oġġetti bl-imgħax;*

3. *Tiddikjara lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt da parti tagħhom;*

4. *Tillikwida, okkorrendo b'opera ta' perit, id-danni msemmija fit-tielet talba ta' din iċ-ċitazzjoni;*

5. *Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom, għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest datat 25 ta' Ġunju, 1997 kontra s-soċjetajiet konvenuti u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.*

Il-konvenuti wieġbu:-

*Preliminarjament il-fatt illi s-soċjetà Taljana Moro Compact Systems hija persuna li hija assenti minn Malta u għalhekk il-proċedura użata mhijiex dik idoneja kontemplata fil-liġi;*

*Preliminarjament ukoll il-fatt illi Plant & Equipment Limited ma hijiex mandatarja tas-socjetà Taljana Moro Compact Systems S.r.l., u tali rappreżentanza ma tistax tiġi preżunta bil-manjiera kif ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-uniku rwol illi kellha s-soċjetà Plant & Equipment Limited kien limitatament dak ta' intermedjarja sabiex is-soċjetà Taljana Moro Compact Systems S.r.l. setgħet tagħmel offerta għat-tender LA 34/96, liema tender fil-fatt ingħatat direttament lis-soċjetà Taljana, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà Plant & Equipment Limited u l-atturi, stante li l-bejgħ sar direttament bejn is-soċjetà Moro Compact Systems S.r.l. u l-atturi.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikoli 1407 u 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt illi r-rimedju f'każ ta' bejgħ ta' merkanzija huwa dak provdut fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), liema rimedju mhux rispekkjat fl-ewwel żewg talbiet tal-atturi.*

*Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ħwejjeġ mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjetà Moro Compact Systems S.r.l. kienu tal-kwalità pattwita u skont l-"ispecifications" kontenuti fit-tender li ingħata lis-soċjetà Moro Compact Systems S.r.l.*

*Illi l-allegati danni sofferti mill-atturi mhijiex, bl-ebda mod, responsabbli għalihom is-soċjetà konvenuta nomine, stante li kienu l-atturi stess li kkaġunaw l-allegati ħsarat fil-ħwejjeġ mibjugħa, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**<u>Il-kwistjoni</u>**

L-atturi qegħdin jitolbu r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' bejgħ ta' *street washing bowser* u *hydraulic control of the front mounted washing bar,* li ġew mixtrija mingħand is-soċjetà attrici nomine permezz ta' *tender* pubbliku. Barraminhekk l-atturi qegħdin jitolbu wkoll ir-rifużjoni tal-prezz u l-likwidazzjoni tad-danni u dan stante li qegħdin isostnu li l-*bowser* u l-apparat inkwistjoni ma kienux tal-kwalità miftehma, u cjoè tal-i*stainless steel* u *rust free.*

Rat l-atti proċesswali.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Rat is-surroga datata 18 ta' Settembru 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum presjeduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat il-verbali tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 u tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'rikors datat 14 ta' Mejju 2002[1] , is-soċjetà konvenuta nomine, għarrfet lill-Qorti li s-soċjetà estera Moro Compact Systems kienet qiegħda tiġi likwidata, u talbet illi tressaq eċċezzjoni ulterjuri, fis-sens illi wara t-tielet eċċezzjoni għandha tiddaħħal eċċezzjoni ġdida li taqra:

> *"Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta Plant and Equipment Limited kienet il-mandatarja speċjali tas-soċjetà estera Moro Compact Systems SPA, tali mandat ġie awtomatikament terminat u s-soċjetà Plant and Equipment Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju".*

Illi ma' dan ir-rikors, ġie preżentat dokument konsistenti f'kopja ta' fax immarkat bħala Dok KB 1, li jikkonferma illi s-soċjetà estera Moro Compact Systems qiegħda fi stat ta' likwidazzjoni.

Illi fis-seduta ta-9 ta' Lulju 2002, il-Qorti laqgħet it-talba li tiżdied din l-eċċezzjoni.

Illi s-soċjetà konvenuta nomine ppreżentat[2] nota b'dokument konsistenti *f'Verbale di Assemblea Straordinaria* tas-soċjetà Moro Compact System SPA li permezz tagħha ġie deċiż li din is-soċjetà tiġi likwidata, u dokument *fax*, immarkati bħala Dok KB3, mibgħut mill-avukat Fulvio Turchet.

---

[1] A fol. 55.
[2] A fol. 62.

Illi ġiet ippreżentata n-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' Plant & Equipment Limited[3].

Illi permezz ta' sentenza in parte deċiża fis-26 ta' Ottubru 2012, din il-Qorti kif diversament ipprjeseduta, ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta nomine u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2012.

**Provi**

Illi skont kif irriżulta mix-xhieda ta' Charles Ciantar, Principal Officer fid-Dipartiment tal-Kuntratti mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2003, fl-1995 kienet inħarġet *tender* għax-xiri ta' *street washing bowser* biex jintuża mid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi. Charles Ciantar xehed "nagħmel referenza wkoll għall-klawżola tlettax ta' dan it-tender fejn ġie speċifikat illi l-*water tank* għar-rigward ta' dan il-bowser kellu jkun magħmul minn *rust proof material.* F'dan ir-rigward nagħmel referenza għad-dokument li jinsab a fol. 18 tal-proċess, u nikkonferma wkoll li meta għamlet l-offerta s-soċjetà konvenuta ġie speċifikat illi t-*tank* kien se jkun magħmul minn *stainless steel plates*"[4].

Illi permezz ta' ittra ta' aċċettazzjoni tat-tender numru L/A4/96 tal-15 ta' Jannar, 1996, kopja tagħha ġiet esebita mix-xhud Charles Ciantar[5], l-attur Direttur tal-Kuntratti aċċetta l-offerta tas-soċjetà konvenuta Moro Compact Systems S.r.l. magħmula permezz tal-aġenti tagħhom hawn Malta, is-soċjetà Plant and Equipment Limited, sabiex jinxtara *street washing bowser* bil-prezz ta' Lit 115,861,000, *hydraulic control of the front mounted washing bar* għall-prezz ta' Lit 1,008,700 u *top mounted suction boom* għall-prezz ta' Lit 2,768,000.

[3] A fol. 69.
[4] a fol. 74 u 75.
[5] a fol. 45-46.

Illi skont l-offerta magħmula mis-soċjetà Plant and Equipment Limited għan-nom tas-soċjetà estera Moro Compact Systems S.r.l. esebita bħala Dok. "B" maċ-ċitazzjoni, l-oġġetti fl-offerta kienu garantiti għall-perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-kummissjoni, liema kummissjoni saret fit-2 ta' Ġunju, 1996.

Illi skont klawżola 13 tal-i*specifications* li kienu jiffurmaw parti integrali mit-*tender document,* esebit bħala Dok. "C" maċ-ċitazzjoni, it-*tank* tal-ilma tal-*bowser* inkwistjoni kellu jkun magħmlu minn *rust proof material.*

Illi f'dan ir-rigward, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2003 xehed ukoll Aurelio Attard[6], prodott mill-atturi, li fiż-żmien inkwistjoni kien ic-Chief Engineer fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, illi kkonferma li skont l-offerta magħmula mis-soċjetà konvenuta (eżebita bħala Dok. "B" maċ-ċitazzjoni), it-*tank* tal-ilma tal-*bowser* in kwistjoni kellu jkun wieħed tal-i*stainless steel*.

Illi mix-xhieda tal-Inġinier Conrad Galea mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju 2003[7], irriżulta li l-attur Dipartiment tal-Manifattura ħallas is-somma globali ta' Lit 119,636,700, ekwivalenti għal Lm27,692.88, permezz ta' żewġ pagamenti li saru lil Moro Compact System S.r.l, skont kif jirriżulta mid-dokumenti eżebiti bħala Dok. CG1.

Illi mix-xhieda tal-Inġinier Aurelio Attard waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2003[8], jirriżulta li ftit xhur wara li beda jintuża dan il-*bowser,* beda joqtor l-ilma u bdew jidhru traċċi ta' sadid, b'mod partikolari fejn kien sar il-*welding* tat-tank. Dan ix-xhud ippreżenta wkoll numru ta' ritratti, li juru s-sadid li kien hemm fejn kien il-*welding*, kemm fuq ġewwa tat-*tank,* kif ukoll fuq barra tat-*tank*[9].

[6] a fol. 84 u 85.
[7] A fol. 114.
[8] A fol. 84 u 85.
[9] Dok. AA3 sa AA9 a fol. 88.

Illi l-Inġinier Aurelio Attard xehed ukoll illi "… mil-literature li bagħtulna għar-rigward tal-*bowser*, kien irriżultalna li l-i*stainless steel* li ntuża ma kienx tajjeb biżżejjed sabiex jista' jingħad li t-tank kien *rust proof*. Il-grad ta' *stainless steel* li ntuża fil-fatt jippermetti li jkun hemm *corrosion* fl-i*stainless steel*".

Illi minkejja talba formali da parti tad-Dipartiment attur sabiex dan il-*bowser* li kien għadu taħt garanzija jiġi rimpjazzat, din it-talba baqgħet ma ġietx milqugħha minn Moro Compact Systems S.r.l., li min-naħa tagħha bdiet isostni li s-sadid seta' kien konsegwenza tal-użu ta' ilma mielaħ jew aċiduż, allegazzjoni li l-atturi dejjem ċaħdu.

Illi eventwalment sabiex id-Dipartiment attur ikun jista' jagħmel użu mill-*bowser* inkwistjoni, kienu saru xi modifiki meħtieġa biex il-bowser ikun jista' jintuża. L-Inġinier Aurelio Attard xehed li bil-"modifiki li semmejt, cjoè li għamilna dan il-*lining* tal-*fibre*, il-*bowser* għadu jintuża sal-ġurnata tal-lum. Għal dan ix-xogħol tal-lining bil-*fibre* aħna nfaqna s-somma ta' elf, tliet mija, ħamsa u tmenin lira u tletin ċentezmu (LM1,385.30c) u dan f'din is-somma hemm inkluż kemm il-materjal li ntuża, kif ukoll ix-xogħol li kellu jsir fil-garaxx tal-Gvern".

Illi fil-11 ta' Diċembru 2012, permezz ta' nota[10] l-atturi ppreżentaw l-affidavit tal-attur Francis Attard, Direttur tal-Kuntratti, li xehed li "minn faxes li diġà ġew ippreżentati (a fol. 84-85 tal-proċess) li ftit wara li t-trakk wasal Malta u ġie kkunsinjat lill-Gvern Malti, dana beda joħroġlu is-sadid u saħansitra ttaqqablu t-*tank* tal-*fuel*".

Illi fit-22 ta' Frar 2013, permezz ta' nota[11] l-atturi ppreżentaw l-affidavit tal-Inġinier Martin Grech li xehed li "ladarba dan il-*bowser* rriżulta li kellu l-imemmija problemi (kien qiegħed joqtor l-ilma u beda joħroġ is-sadid), konsegwenza tagħhom id-Dipartiment tal-Manifattura

[10] A fol. 164.
[11] A fol. 166-168.

u Servizzi nkorra diversi spejjeż sabiex jittranġa dan il-*bowser.* L-ewwel spejjeż li jirriżultali li nkorra d-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi kienu fis-sena 1998 fl-ammont ta' LM1,385.30, illum ekwivalenti għal €3,226.88, li dwarhom ninsab infurmat li xehed l-istess Inġinier Aurelio Attard fejn esebixxa wkoll il-fatturi u l-irċevuti relattivi. Ma' dawn l-ispejjeż nixtieq inżid li saru tiswijiet ulterjuri fuq it-*tank* tal-ilma ta' dan l-i*street washing bowser* matul is-sena 2011. Dan ix-xogħol ukoll kien meħtieġ kawża tad-difett oriġinali fil-*welding* tal-i*stainless steel* tat-tank tal-ilma tal-istess vettura. Qiegħed nesebixxi flimkien ma' dan l-affidavit sett ta' dokumenti li minnhom jirriżulta li d-Dipartiment nefaq somma ulterjuri ta' €2,123.37, kwantu għal €127.31 materjal u €1,209 (mingħajr VAT) xogħol ta' tiswija mwettaq fit-*tank* tal-ilma kwantu nqala' t-*tank* l-antik u reġa' twaħħal wieħed ġdid f'postu mill-ħaddiema tad-Dipartiment tagħna stess, …. u kwantu għal €787.06) (bil-VAT) rappreżentanti spejjeż oħra li nefaq id-Dipartiment għand kuntrattur kompetenti għat-tiswija fl-imsemmi *tank* kwantu għamel tank tal-*fibre* ġdid u dan skont il-fattura u l-pagament relattiv maħruġ mid-Dipartiment….Illi għalhekk jekk wieħed jieħu l-ispejjeż li saru fis-sena 1998 ammontanti għal €3,226.88 u dawk li saru fis-sena 2011, ammontanti għal €2,123.37, għandu jirriżulta li dawn l-ammonti magħduda flimkien iwasslu għall-konklużjoni li d-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi nefaq total ta' €5,350.25 bħala spejjeż u xogħlijiet rimedjali fuq l-imsemmi *street washing bowser,* konsegwenza tan-nuqqasijiet li rriżultaw fil-materjal u l-*welding* tal-imsemmi *bowser*".

Illi min-naħa tagħhom il-konvenuti ma ressqu ebda provi li jikkontradixxu l-provi mressqa mill-atturi dwar il-ħsarat li żviluppaw fil-*bowser* konsegwenza tal-materjal użat u l-*welding* li sar fl-immanifatturar tal-istess *bowser.* Barraminhekk is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda provi biex isostni l-allegazzjoni tagħha li l-atturi kienu kkontribwew għall-ħsarat fil-*bowser* għax għamlu użu minn ilma mielaħ jew aċiduż.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

L-atturi fiċ-ċitazzjoni qegħdin jitolbu (i) ir-rexxissjoni u l-annullament tal-kuntratt ta' bejgħ bejn l-atturi u s-soċjetà konvenuta nomine, (ii) ir-rifużjoni tal-prezz imħallas (Lit 119,637,700 ekwivalenti llum għal €64,507.06) bl-imgħax u (iii) il-likwidazzjoni u (iv) il-ħlas tad-danni konsegwenzjali u dan peress li qegħdin isostnu li l-*bowser* u l-apparat inkwistjoni ma kienux tal-kwalità miftehma u rikjesta.

Din il-Qorti tixtieq tirrileva qabel kull konsiderazzjoni oħra l-fatt li fl-1998 (ara x-xhieda tal-Inġinier Martin Grech[12]), u ċjoè qabel ma ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni attriċi fit-22 ta' Ottubru 1999, il-konvenut Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi iddeċieda li jwettaq xi modifikazzjonijiet fuq il-*bowser* inkwistjoni sabiex ikun jista' jużah għall-iskop li għalih kien inxtara. L-Inġinier Grech xehed ukoll li tnax (12)-il sena wara, ċjoè fis-sena 2011, saru xi tiswijiet oħra fuq il-*bowser* in kwistjoni sabiex dan jinġieb fi stat li jibqa' jintuża.

Il-Qorti tosserva li miċ-ċitazzjoni ma jirriżulta xejn ċar fuq liema kawżali eżattament huma msejsa t-talbiet attriċi, jekk l-atturi humiex qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq talba għar-rexxissjoni u annullament tal-kuntratt tal-bejgħ (ara t-talba numru wieħed (1) fiċ-ċitazzjoni attriċi), jew jekk din hijiex imsejsa fuq talba għar-riżoluzzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt (inadempjenza kuntrattwali) (ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi [13]).

Fil-premessi tagħhom għaċ-ċitazzjoni attriċi l-atturi qegħdin isostnu li l-konveuti "aġixxew jew dolożament jew b'negliġenza grossolana fil-konfront tal-attur b'mod illi huma jew biegħu l-apparat inkwistjoni lill-attur meta kienu jafu li huwa ma kienx tal-kwalità rikjesta u pattwita jew biegħu l-istess apparat b'indifferenza u mingħajr id-debita konstatazzjoni dwar jekk dan kienx tal-kwalità pattwita jew le" (ara -l għaxar (10) premessa taċ-ċitazzjoni attriċi).

[12] A fol. 166-168.
[13] A fol. 213.

Illi rimedju legali ieħor li ċertament setgħu jirrikorru għalih l-atturi huwa dak stipulat fl-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, li x-xerrej għandu dritt li jirrifjuta, jirritorna lura lill-bejjiegħ jew jiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti l-oġġett mibjugħ u jitlob ukoll id-danni, inkella seta’ jżomm il-ħaġa mibjugħa bi prezz imnaqqas skont stima esperta.

Illi jirriżulta li l-atturi la rrikorrew għall-ewwel għażla li jipprovdi l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16, ir-rifjut tal-oġġett u talba għad-danni, u lanqas ma għamlu użu mit-tieni għażla, ċjoè li jżommu l-oġġett u jitolbu tnaqqis fil-prezz skont stima ta’ esperti.

Illi din il-Qorti ttenni li ma jirriżultax b’mod ċar miċ-ċitazzjoni attriċi fuq liema bażi legali l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom. Fiċ-ċitazzjoni l-atturi jitolbu r-rexxissjoni ta’ kuntratt, li skont ma titlob il-liġi, trid tkun b’riżultat ta’ vizzju tal-kunsens jew ta’ żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali (l-azzjoni redibitorja).

Illi mill-banda l-oħra fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom, id-difensuri tal-atturi iddeċidew li jimbarkaw fuq binarju legali differenti, u ċjoè r-riżoluzzjoni ta’ kuntratt minħabba in-nuqqas ta’ twettiq ta’ xi kundizzjoni riżoluttiva fil-kuntratt.

Illi bħal f’kull kawża oħra, il-Qorti trid tiddeċidi l-kawża esklussivament abbażi tat-talbiet fiċ-ċitazzjoni attriċi, filwaqt li tagħti qies xieraq tal-eċċezzjonijiet ippreżentati mill-konvenuti, u mhux abbażi ta’ sottomissjonijiet legali li m’għandhomx l-għeruq tagħhom fl-istess talbiet attriċi jew fl-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Illi f’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **John Borg vs. Joseph Pace Pace et noe** (P.A. deċiża fit-22 ta’ Ġunju 2001) fejn ingħad li:

> "Il-kawżali taċ-ċitazzjoni hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tinbidel. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeċiedi fuq kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha tkun *extra petita.* Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda."

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Emmanuele Calleja vs Joseph Grech** (P.A. deċiża fl-10 ta' Ġunju 1965 – Vol. XLIX.ii.955):

> "....l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' kawżali u ta' domandi barra miċ-ċitazzjoni".

Illi hawn issir riferenza għall-kawża ismijiet **Anthony Pace Asciaq Anthony et vs Camilleri Joseph et** (P.A. deċiża fit-28 ta' Jannar 2004) fejn intqal:

> "Minn dak rinvenut fil-Kodici Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427, rimedji li fil-każ tal-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalità mwegħda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni tal-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirrappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprrovdi lix-xerrej".

Illi fl-istess sens hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay vs. Alfred Cassar** (Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Diċembru 1992), fejn ġie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skont l-Artikolu 1390.

Illi fis-sentenza **Ivan Zammit et vs JJ Scerri Company Limited (**Appell Ċivili, deċiża fis-27 ta' Ottubru, 2011) ġie għal darb'oħra ikkonfermat illi:

> "…l-azzjoni attriċi kif inhi mposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skont l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalità pattwita abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16".

Illi dan kien ġie sostnut ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Nadia Cassar et vs Charles Pace noe** (K. deċiża fit-13 ta' Marzu 1995), fejn ingħad illi:

> "…l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Ċivili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan abbażi tal-insenjament magħmul fis-sentenza **Scicluna vs Scerri** (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn ingħad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli speċjali li għandhom għalhekk jipprevalu għad-disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti; u li ladarba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej, drittijiet, u lill-venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-liġi".[14]

Illi għandu jingħad ukoll illi skont is-sentenza **G.T. Shirts Company Limited Alfred Testa vs Godwin Navarro** (P.A. deċiża fit-2 ta' Ottubru, 2014):

> "illi l-azzjoni attriċi hi waħda *ex contractu* skont il-prinċipji ġenerali tal-kuntratti peress illi ġie eskluż specifikament id-difett latent. L-azzjoni l-oħra tal-kwalità pattwita ma ġietx imsemmija mill-atturi u lanqas tidher li tifforma parti jew hi deżunta mill-premessi jew talbiet tant li anki fin-nota hi respinta s-sottomissjoni tal-konvenut illi kien hemm il-bżonn ta' xi depożitu tal-oġġett mibjugħ. Fil-fatt l-oġġetti nżammu mill-atturi u ġew utilizzati. Tali talba hi estranea għal liġi speċjali tal-bejgħ u azzjonijiet *ad hoc* permissibbli taħt dan l-istitut (ara **Portelli vs Grima,** App Ċiv deċiża fis-27 ta' Novembru 1957).

[14] Il-Qorti fil-kawża **JC Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** (PA deċiża fit-28 ta' Ġunju 2001) imxiet fuq l-istess prinċipji legali.

> Il-punt tat-tluq tal-azzjoni kien il-bejgħ magħmul mill-konvenut lill-atturi u għalhekk il-vinkolu ġuridiku hu dak ta' bejjiegh/kumpratur bir-regoli speċifiċi u esklussivi tal-istitut tal-bejgħ. Ir-rimedju mitlub mill-atturi mingħajr ma jigi allaċċjat ma' dak id-dispost tal-liġi li jirreferi ghall-obbligi tal-venditur hu ghalhekk ġuridikament mankanti. Il-principju ġenerali tal-kuntratti huma subordinati għal dawk speċjali li jirrigwardaw kuntratti speċifiċi msemmija fil-ligi. Hu biss fin-nuqqas ta' dawn il-liġijiet speċifiċi u speċjali li wieħed jista' jirrikorri għal prinċipji ġenerali waħedhom u mhux viċi-versa".

Fis-sentenza **Carmelo Scerri et vs Joseph Sammut et** (P.A. deċiża fis-26 ta' Ġunju 2012) jsir riferiment għal diversi sentenzi oħra dwar din il-materja u speċifikament għal dak li jgħid il-ġurist **Mattirolo**[15]

> "ad ogni diritto, riconosciuto dalla legge positiva, corrisponde l'azione giudiziaria, a meno che questa sia stata espressamente dal legislatore negata, e sostituita da qualche altra garanzia".

Anki l-ġurist Taljan **Francesco Ricci**[16] huwa tal-fehma li fejn il-leġislatur ipprovda rimedji speċjali u speċifiċi, huma dawn ir-rimedji li għandhom japplikaw u mhux il-prinċipji ġenerali tad-dritt dwar dwar il-kuntratti:

> "Il legislatore, infatti, non ha voluto che le obbligazioni del venditore per i difetti occulti della cosa venduta dovessero stabilirsi in base ai principi generali di diritto, ma ha volute determinarli esso stesso nell'articolo che esaminiamo; ond'è che nessuna azione può competere al compratore che non si trovi indicate in ditto articolo, altrimenti alla volontà del legislatore si sostituirebbe quella dell'interprete".

[15] Trattato di Diritto Gurdiziario Civile Italiano (Vol. 1 Torino 1892).
[16] Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile p. 342 (Seconda Edizione, Vol. VII, Torino 1886).

Illi għalhekk skont id-duttrina u l-ġurisprudenza prevalenti, ir-rimedji speċjali li tipprovdi l-liġi tax-xiri u l-bejgħ ta' oġġetti mobbli, għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi li jirregolaw il-kuntratti. F'ċirkostanzi fejn l-atturi f'din il-kawża naqsu milli jirrikorru għar-rimedji speċifiċi li tipprovdi l-liġi tal-bejgħ, huwa evidenti li ma tistax tirnexxi azzjoni li tkun ibbażata fuq ir-regoli ġenerali tal-kuntratti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhuwiex legalment sostenibbli u possibbli li f'ċirkostanzi fejn jeżistu regoli speċifiċi u speċjali, l-atturi jinvokaw regoli ġenerali, li jistgħu jkunu aktar vantaġġjużi għax-xerrej u aktar onerużi għall-bejjiegħ, għal dak li jirrigwardja per eżempju l-preskrizzjoni.

Illi f'sitwazzjoni fejn l-oġġett mibjugħ ma kienx skont il-kwalità rikjesta u mifthema, l-atturi f'din il-kawża kellhom l-għażla li (i) jew jirrikorru għall-*actio redhibitoria/actio aestimatoria* skont l-Artikolu 1424 u 1427 tal-Kap. 16, liema dritt ta' azzjoni fil-każ ta' mobbli jaqa' bl-egħluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa (ara l-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16); jew (ii) jirrikorru għar-rimedju taħt l-Artikolu 1390, li jew jirritornaw l-oġġett u jitolbu rifużjoni tal-prezz, inkella jżommu l-oġġett u jitolbu tnaqqis fil-prezz skont stima ta' espert.

Illi għal raġunijiet tagħhom, l-atturi f'din il-kawża la aġixxew entro t-terminu ta' sitt xhur għall-finijiet tal-*actio redhibitoria/actio aestimatoria,* u lanqas irritornaw l-oġġett lill-bejjiegħ u talbu r-rifużjoni tal-prezz jew żammew l-oġġett u talbu tnaqqis fil-prezz għall-finijiet tal-Artikolu 1390 Kap. 16.

Illi l-atturi f'din il-kawża ddeċidew li jżommu l-oġġett, isewwu fih u jużawh għal diversi snin, u minflok ir-rimedji speċifiċi li tipprovdi l-liġi tal-bejgħ li kienu applikabbli għall-każ tagħhom, għażlu li jinvokaw ir-regoli ġenerali tal-kuntratti (danni msejsa fuq inadempjenza kuntrattwali), f'kuntest fejn kien ikun applikabbli perijodu preskrittiv ta' ħames snin.

Illi dak li pproponew l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom mhux biss huwa legalment improponibbli skont il-ġurisprudenza prevalenti, imma anki li kieku għas-saħħa tal-argument ir-rimedju li pprospettaw kien legalment sostenibbli, l-atturi xorta waħda ma ottemperawx rwieħhom mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1066 tal-Kap. 16, 'il għaliex ma raddewx lura lill-bejjiegħ l-oġġett mibjugħ, biex ikunu jistgħu jitolbu r-rifużjoni tal-prezz tal-oġġett.

Illi l-fatt li ma rritornawx lura l-oġġett lill-bejjiegħ, imma baqgħu  jagħmlu użu minnu għal snin twal wara xi tiswijiet li għamlu fl-1998 u fl-2011, kien ifisser li l-atturi setgħu kieku riedu jirrikorru biss għar-rimedju li jitolbu tnaqqis fil-prezz a tenur tal-Artikolu 1390 jew l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16, rimedju li l-atturi jinsistu li assolutament ma fittxewx li jingħataw.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta nomine, u dan peress li l-azzjoni attriċi kif impostata fil-kuntest ta' bejgħ ta' mobbli li "ma kienx tal-kwalità rikjesta u pattwita", ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-atturi.**

**Moqrija**

**Onor. Lawrence Mintoff LL.D**

**Imħallef**

**FrederickStagno Navarra**

**Dep. Reg.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------